31995D0343

L 200/52 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 24.8.1995

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Lulju 1995

li tipprovdi għal kampjuni taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ħalib mhux maħdum, ħalib ittrattat bis-sħana u prodotti bbażati fuq il-ħalib maħsuba għall-konsum tal-bniedem maħsuba biex jiġu aċċettati f'ċentri ta' kollezzjoni, standardizzazzjoni, trattament jew proċessar

(Test b'rilevanza ŻEE)

95/343/KE

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/46/KEE tas-16 ta' Ġunju 1992 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fuq is-suq tal-ħalib mhux maħdum, ħalib ittrattat bis-sħana u prodotti bbażati fuq il-ħalib [1], kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Fillandja u l-Isvezja, u b' mod partikolari l-Artikolu 23(2)(b) tiegħu,

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/340/KE [2] tistabbilixxi lista provvisorja ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni tal-ħalib mhux maħdum, ħalib ittrattat bis-sħana u prodotti bbażati fuq il-ħalib;

Billi l-kondizzjonijiet applikabbli għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi tal-ħalib mhux maħdum, ħalib ittrattat bis-sħana u prodotti bbażati fuq il-ħalib maħsuba għall-konsum tal-bniedem għandhom ikunu mill-inqas daqs dawk imniżżla fil-Kapitolu II tad-Direttiva 92/46/KEE għall-produzzjoni tal-Komunità;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/342/KE [3] tispeċifika t-tipi tat-trattamenti li għandhom ikunu applikati għall-ħalib u għall-prodotti bbażati fuq il-ħalib għall-konsum tal-bniedem minn pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi li fihom it-theddida tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer;

Billi l-kampjun taċ-ċertifikat riferut fl-Artikolu 23 tad-Direttiva 92/46/KEE għandu jkun fih deskrizzjoni tal-ħalib jew tal-prodott ibbażat fuq il-ħalib kopert miċ-ċertifikat, riferenzi rilevanti tal-Kapitolu II tad-Direttiva 92/46/KEE, għażla tal-lingwa jew il-lingwi li bihom huwa mħejji ċ-ċertifikat u għażla tal-kariga jew titolu tal-firmatarju;

Billi għandha ssir dispożizzjoni l-ewwel għall-kampjun taċ-ċertifikat għall-ħalib mhux maħdum maħsub biex ikun aċċettat f'ċentru ta' ġbir, ċentru ta' standardizzazzjoni, stabbiliment ta' trattament jew stabbiliment ta' pproċessar, għall-kampjun taċ-ċertifikat għall-ħalib ittrattat bis-sħana, prodotti bbażati fuq il-ħalib magħmula minn ħalib ittrattat bis-sħana jew prodotti bbażati fuq il-ħalib ittrattati bis-sħana maħsuba għall-konsum tal-bniedem minn pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi li fihom theddida tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, għall-kampjun taċ-ċertifikat ta' ħalib ittrattat bis-sħana, prodotti bbażati fuq il-ħalib magħmula minn ħalib ittrattat bis-sħana jew prodotti bbażati fuq il-ħalib ittrattati bis-sħana maħsuba għall-konsum tal-bniedem minn pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi li fihom theddida tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, u għall-kampjun taċ-ċertifikat għall-prodotti tal-ħalib mhux maħdum għall-konsum tal-bniedem; billi, minħabba n-natura differenti ta' dawn il-prodotti, għandha ssir dispożizzjoni għall-kampjuni differenti taċ-ċertifikati tas-saħħa;

Billi għandha ssir dispożizzjoni aktar tard għall-kampjun taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-ħalib mhux maħdum maħsub għall-konsum dirett tal-bniedem;

Billi l-miżuri li hemm stabbiliti f'din id-Deċizjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kampjun taċ-ċertifikat li hemm elenkat fl-Artikolu 23(2)(b) tad-Direttiva 92/46/KEE li jikkonċerna l-ħalib mhux maħdum minn pajjiżi terzi maħsub biex ikun aċċettat minn ċentru tal-ġbir, ċentru ta' stardardizzazzjoni, stabbiliment tat-trattament jew stabbiliment ta' l-ipproċessar u mbagħad biex jintuża għall-konsum tal-bniedem kif muri fl-Anness A ta' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 1.
[2] Ara paġna 38 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[3] Ara paġna 50 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Dan iċ-ċertifikat jista' jintuża biss minn pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi mniżżla fil-kolonna A ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 95/340/KE.

Artikolu 2

Il-kampjun taċ-ċertifikat li hemm elenkat fl-Artikolu 23(2)(b) tad-Direttiva 92/46/KEE li jikkonċerna l-ħalib ittrattat bis-sħana, il-prodotti bbażati fuq il-ħalib magħmula mill-ħalib ittrattat bis-sħana jew il-prodotti bbażati fuq il-ħalib ittrattati bis-sħana maħsuba għall-konsum tal-bniedem minn pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi li fihom m'hemmx theddida tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer jintwerew fl-Anness B ta' din id-Deċiżjoni.

Dan iċ-ċertifikat jista' jintuża biss minn pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi mniżżla fil-kolonna B ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 95/340/KE.

Artikolu 3

Il-kampjun taċ-ċertifikat li hemm elenkat fl-Artikolu 23(2)(b) tad-Direttiva 92/46/KEE li jikkonċerna l-ħalib ittrattat bis-sħana, il-prodotti bbażati fuq il-ħalib magħmula mill-ħalib ittrattat bis-sħana jew il-prodotti bbażati fuq il-ħalib ittrattat bis-sħana maħsuba għall-konsum tal-bniedem minn pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi li fihom hemm it-theddida tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer jintwerew fl-Anness Ċ ta' din id-Deċiżjoni.

Dan iċ-ċertifikat jista' jintuża minn pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi mniżżla fil-kolonna Ċ ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 95/340/KE.

Artikolu 4

Il-kampjun taċ-ċertifikat li hemm elenkat fl-Artikolu 23(2)(b) tad-Direttiva 92/46/KEE li jikkonċerna l-prodotti tal-ħalib mhux maħdum minn pajjiżi terzi maħsuba għall-konsum tal-bniedem jintwerew fl-Anness D ta' din id-Deċiżjoni.

Dan iċ-ċertifikat jista' jintuża biss minn pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi mniżżla fil-kolonna A ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 95/340/KE.

Artikolu 5

Sabiex ikun żgurat li l-kontrolli mniżżla fl-Artikolu 4(1) it-tielet inċiż tad-Direttiva tal-Kunsill 90/675/KEE [1] jistgħu jinżammu, il-prodotti dettaljati fl-Artikoli 2, 3 u 4 għandu jkollhom l-informazzjoni li ġejja, f'mill-inqas f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-pajjiż tad-destinazzjoni:

— l-isem tal-pajjiż li qed jesporta,

— in-numru ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbiliment,

— għall-prodotti mmanifatturati mill-ħalib mhux maħdum u li l-metodu tal-manifattura ma nkludiex xi trattament bis-sħana, il-kliem 'minn ħalib mhux maħdum',

— għall-prodotti bbażati fuq il-ħalib li fihom jista' jkun hemm żvilupp ta' mikrobi, id-data sa meta għandu jintuża jew iż-żmien kemm idumu tajbin.

Artikolu 6

Iċ-ċertifikati tas-saħħa riferuti fl-Artikoli 1, 2, 3 u 4 ikunu ċertifikati oriġinali nnumerati magħmula minn paġna waħda, mimlija kollha, ddatati u ffirmati mir-rappreżentant ta' l-awtorita' kompetenti responsabbli li tivverifika u tiċċertifika li l-ħalib mhux maħdum, il-ħalib ittrattat bis-sħana jew il-prodotti bbażati fuq il-ħalib iħarsu l-ħtiġijiet tad-Direttiva 92/46/KEE.

Artikolu 7

1. Iċ-ċertifikati riferuti fl-Artikoli 1, 2, 3 u 4 għandhom jitħejjew f'mill-inqas lingwa waħda uffiċjali ta' Stat Membru fejn isiru l-ispezzjonijiet.

2. Iċ-ċertifikat ikollu l-isem, il-kariga jew it-titolu u l-firma tar-rappreżentant ta' l-awtorità kompetenti flimkien mat-timbru uffiċjali ta' l-awtorità kompetenti f'kulur differenti minn dak tal-partikolarijiet l-oħra li jidhru fuq iċ-ċertifikat.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mit-2 ta' Frar 1996.

Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Lulju 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 373, tal-31.12.1990, p. 1.

L-ANNESS A

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għall-ħalib mhux maħdum minn pajjiżi terzi maħsub biex ikun aċċettat minn ċentru tal-ġbir, ċentru ta' l-istandardizzazzjoni, stabbiliment tat-trattament jew stabbiliment ta' l-ipproċessar fil-Komunità Ewropea u mbagħad biex ikun użat għall-konsum tal-bniedem

Numru ta' riferenza: .....

Pajjiż (u reġjun, fejn applikabbli) (1) li qed jibgħat: .....

Ministeru: .....

Dipartiment responsabbli miċ-ċertifikazzjoni: .....

I. **Identifikazzjoni tal-prodotti**

— Ħalib mhux maħdum minn: .....
(Speċi ta' l-annimali)

— Numru tal-kodiċi (kif xieraq): .....

— Imballeġġjar: .....

— Numru ta' units ta' l-imballeġġjar: .....

— Piż nett: .....

II. **Oriġini tal-prodotti**

Isem u approvazzjoni uffiċjali jew numru tar-reġistrazzjoni taż-żamma(żammiet) tal-produzzjoni/ċentru tal-ġbir/ċentru ta' l-istandardizzazzjoni/ (2) approvat għall-esportazzjoni lejn il-Komunità

.....

.....

.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-ħalib mhux maħdum għandu jintbagħat

minn: .....
(Post minn fejn jintbagħtu)

sa: .....
(Pajjiż u l-post tad-destinazzjoni)

bil-mezzi tat-trasport li ġejjin (3): .....

Numru tas-siġill: .....

L-isem u l-indirizz tal-konsenjant: .....

.....

L-isem u l-indirizz tal-konsenjatarju: .....

.....

(1) Ikun speċifikat jekk l-awtorizzazzjoni ta' l-importazzjoni lejn il-Komunità hija ristretta għal ċerti reġjuni tal- pajjiż terz ikkonċernat.
(2) Aqta' kif meħtieġ.
(3) Aġħti n-numru tar-reġistrazzjoni, in-numru tat-titjira jew l-isem tal-mezzi tat-trasport ta' l-oġġetti. Għall-containers kbar, inkludi n-numru tal-container.

IV. **Ċertifikazzjoni tas-saħħa**

Il-veterinarju uffiċjali b'hekk jiċċertifika li l-ħalib mhux maħdum deskritt hawn fuq inġieb mill-annimali, taħt il-kontroll tas-servizz uffiċjali veterinarju:

— li kienu f'pajjiż jew reġjun li kien ħieles mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u l-pesta għal mill-inqas 12-il xahar, u fejn it-tliqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ma sarx għal mill-inqas 12-il xahar,

— li ġej minn irziezet li ma kinux taħt restrizzjoni minħabba l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer jew il-pesta,

— iħarsu l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali mniżżla fl-Anness A, Kapitolu I tad-Direttiva 92/46/KEE.

Il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat jiddikjara li huwa familjari mal-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali tad-Direttiva 92/46/KEE.

Magħmul ....., fil- .....
(Post) (Data)

Timbru (4)

.....
(Firma tal-veterinarju uffiċjali (4))

.....
(Isem b'ittri kbar, kariga u titolu tal-firmatarju)

V. **Ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika**

— L-ispettur uffiċjali b'hekk jiċċertifika li l-ħalib mhux maħdum deskritt hawn fuq:

  — skond dak li nstab mill-pjanijiet ta' sorveljanza mill-anqas daqs dawk li hemm elenkati fid-Direttiva 92/46/KEE, ma fihx residwi ta' sostanzi kontra l-mikrobi oħla mil-limiti mniżżla fl-Annessi I u III tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90, kif emendat

  — skond dak li nstab mill-pjanijiet ta' sorveljanza mill-anqas daqs dawk li hemm elenkati fid-Direttiva 92/46/KEE, ma fihx residwi ta' pestiċida oħla mil-limiti massimi mniżżla fl-Annessi II tad-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE, kif emendat

  — skond dak li nstab mill-pjanijiet ta' sorveljanza mill-anqas daqs dawk li hemm elenkati fid-Direttiva 92/46/KEE, ma fihx kontaminanti oħla mit-tolleranzi massimi mniżżla fil-lista tal-Komunità li hemm elenkata fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93

  — ġej minn irziezet irreġistrati u ċċekkjati li jħarsu l-kondizzjonijiet ta' l-iġjene mniżżla fil-Kapitolu II ta' l-Anness A tad-Direttiva 92/46/KEE

  — inkiseb, inġabar, tkessaħ, inħażen u kien ittrasportat skond il-kondizzjonijiet speċifiċi ta' l-iġjene mniżżla fil-Kapitolu III ta' l-Anness A tad-Direttiva 92/46/KEE

  — kien ittrasportat, fejn ikun il-każ, f'tankijiet kif deskritt fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 92/46/KEE

  — huwa skond il-livelli ta' l-għadd taċ-ċelluli pjatti u somatiċi mniżżla fil-Kapitolu IV ta' l-Anness A għad-Direttiva 92/46/KEE

  — inkiseb u kien standardizzat, fejn meħtieġ, skond il-kondizzjonijiet ta' l-iġjene mniżżla fil-Kapitoli I, III u IV ta' l-Anness B tad-Direttiva 92/46/KEE.

— L-ispettur uffiċjali li l-firma tiegħu tidher hawn taħt b'hekk jiddikjara li huwa jaf bid-dispożizzjonijiet li hemm fid-Direttiva 92/46/KEE, fl-Annessi I u III tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90, fl-Anness II għad-Direttiva 86/363/KEE u r-Regolament (KEE) Nru 315/93.

Magħmul ....., fil- .....
(Post) (Data)

Timbru (4)

.....
(Firma ta' l-ispettur uffiċjali (4))

.....
(Isem b'ittri kbar, kariga u titolu tal-firmatarju)

(4) Il-firma u s-siġill għandhom ikunu b'kulur differenti minn dak ta' l-istampar taċ-ċertifikat.

L-ANNESS B

IĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

tal-ħalib ittrattat bis-sħana, tal-prodotti bbażati fuq il-ħalib magħmula mill-ħalib ittrattat bis-sħana jew tal-prodotti bbażati fuq il-ħalib ittrattat bis-sħana għall-konsum tal-bniedem minn pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi inklużi fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/340/KE

Numru ta' riferenza: .....

Pajjiż (u reġjun, fejn applikabbli) (1) li qed jibgħat: .....

Ministeru: .....

Dipartiment responsabbli miċ-ċertifikazzjoni: .....

I. **Identifikazzjoni tal-prodotti**

— Ħalib minn: .....

(Speċi ta' l-annimali)

— Deskrizzjoni tal-prodott ibbażat fuq il-ħalib ittrattat bis-sħana magħmul minn ħalib ittrattat bis-sħana/prodott ibbażat fuq il-ħalib ittrattat bis-sħana (2): .....

— Numru tal-kodiċi (kif xieraq): .....

— Tip ta' imballeġġjar: .....

— Numru ta' units għall-imballeġġjar: .....

— Piż nett: .....

II. **Oriġini tal-prodotti**

Isem(ismijiet) u numru(i) ta' l-approvazzjoni uffiċjali tat-trattament u/jew l-istabbiliment(i) approvati ta' l-ipproċessar għall-esportazzjoni lill-Komunità

.....

.....

.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-ħalib ittrattat bis-sħana/il-prodott ibbażat fuq il-ħalib magħmul minn ħalib trattat bis-sħana/prodott ibbażat fuq il-ħalib ittrattat bis-sħana (1), għandu jintbagħat minn: .....

(Post minn fejn jintbagħtu)

lejn: .....

(Pajjiż u l-post tad-destinazzjoni)

bil-mezzi tat-trasport li ġejjin (3): .....

Numru tas-siġill: .....

L-isem u l-indirizz tal-konsenjant: .....

.....

L-isem u l-indirizz tal-konsenjatarju: .....

.....

(1) Ikun speċifikat jekk l-awtorizzazzjoni ta' l-importazzjoni lejn il-Komunità hija ristretta għal ċerti reġjuni tal- pajjiż terz ikkonċernat.
(2) Aqta' kif meħtieġ.
(3) Agħti n-numru tar-reġistrazzjoni, in-numru tat-titjira jew l-isem tal-mezzi tat-trasport ta' l-oġġetti. Għall-containers kbar, inkludi in-numru tal-container.

IV. **Ċertifikazzjoni tas-saħħa**

— Il-veterinarju uffiċjali hawnhekk jiċċertifika li l-ħalib ittrattat bis-shana/il-prodott ibbażat fuq il-ħalib magħmul minn ħalib ittrattat bis-shana/prodott ibbażat fuq il-ħalib ittrattat bis-shana [4], deskritt fuq inkiseb mill-annimali, taħt il-kontroll tas-servizz veterinarju uffiċjali:

— li kienu f'pajjiż jew reġjun li kien ħieles mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u l-pesta għal mill-inqas 12-il xahar, u fejn it-tliqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ma sarx għal mill-inqas 12-il xahar

— li ġej minn irziezet li ma kinux taħt restrizzjoni minħabba l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer jew il-pesta

— iħarsu l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali mniżżla fl-Anness A, Kapitolu I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/46/KEE, bl-eċċezzjoni ta' dawk fil-paragrafi 1 (a) (i) u b (i).

— Il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat jiddikjara li huwa familjari mal-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali tad-Direttiva 92/46/KEE..

Magħmul fi ....., fil- .....
(Post) (Data)

Timbru [5]

.....
(Firma tal-veterinarju uffiċjali [5])

.....
(Isem b'ittri kbar, kariga u titolu tal-firmatarju)

V. **Ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika**

— L-ispettur uffiċjali hawnhekk jiċċertifika li l-ħalib ittrattat bis-shana/il-prodott ibbażat fuq il-ħalib magħmul mill-ħalib ittrattat bis-shana/prodott ibbażat fuq il-ħalib ittrattat bis-shana deskritt fuq:

1. kien immanifatturat minn ħalib mhux maħdum:

— skond dak li nstab mill-pjanijiet ta' sorveljanza mill-anqas daqs dawk li hemm elenkati fid-Direttiva 92/46/KEE, li ma fihx residwi ta' sostanzi kontra l-mikrobi oghla mil-limiti mniżżla fl-Annessi I u III tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90, kif emendat

— skond dak li nstab mill-pjanijiet ta' sorveljanza mill-anqas daqs dawk li hemm elenkati fid-Direttiva 92/46/KEE, li ma fihx residwi ta' pestiċida oghla mil-limiti massimi mniżżla fl-Annessi II tad-Direttiva 86/363/KEE, kif emendata

— skond dak li nstab mill-pjanijiet ta' sorveljanza mill-anqas daqs dawk li hemm elenkati fid-Direttiva 92/46/KEE, li ma fihx kontaminanti oghla mit-tolleranzi massimi mniżżla fil-lista tal-Komunità li hemm elenkata fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KEE) Nru 315/93

— li ġej minn irziezet irreġistrati u ċċekkjati li jħarsu l-kondizzjonijiet ta' l-iġjene mniżżla fil-Kapitolu II ta' l-Anness A tad-Direttiva 92/46/KEE

— - li nkiseb, inġabar, tkessaħ, inħażen u kien ittrasportat skond il-kondizzjonijiet speċifiċi ta' l-iġjene mniżżla fil-Kapitolu III ta' l-Anness A tad-Direttiva 92/46/KEE

— li huwa skond il-livelli ta' l-għadd taċ-ċelluli pjatti u somatiċi mniżżla fil-Kapitolu IV ta' l-Anness A tad-Direttiva 92/46/KEE

— li nkiseb u kien standardizzat, fejn meħtieġ, skond il-kondizzjonijiet ta' l-iġjene mniżżla fil-Kapitoli I, III u IV ta' l-Anness B tad-Direttiva 92/46/KEE

[4] Aqta' kif meħtieġ.
[5] Il-firma u s-siġill iridu jkunu b'kulur differenti minn dak ta' l-istampar taċ-ċertifikat.

2. ġej minn stabbiliment tat-trattament u/jew stabbiliment ta' l-ipproċessar li joffri garanziji daqs dawk imniżżla fil-Kapitolu II tad-Direttiva 92/46/KEE li jidhru fil-lista ta' l-istabbiliment awtorizzati biex jesportaw lejn il-Komunità Ewropea u li huma suġġetti għas-sorveljanza mill-awtorità kompetenti skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu Vi ta' l-Anness Ċ tad-Direttiva 92/46/KEE

3. għadda minn trattament tas-shana matul il-manifattura skond il-ħtiġijiet speċifiċi tal-Kapitolu I ta' l-Anness Ċ tad-Direttiva 92/46/KEE

4. jimxu mal-kriterji mikrobijoloġiċi rilevanti mniżżla fil-Kapitolu II ta' l-Anness Ċ tad-Direttiva 92/46/KEE

5. kien imgeżwer u ppakkjat skond il-Kapitolu III ta' l-Anness Ċ tad-Direttiva 92/46/KEE

6. inħażen u kien ittrasportat skond il-ħtiġijiet tal-Kapitolu V ta' l-Anness Ċ tad-Direttiva 92/46/KEE

7. kien ittrasportat, fejn ikun il-każ, f'tankijiet kif deskritt fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 92/46/KEE

— L-ispettur uffiċjali li l-firma tiegħu tidher hawn taħt b'ħekk jiddikjara li huwa jaf bid-dispożizzjonijiet li hemm fid-Direttiva 92/46/KEE, fl-Annessi I u III tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90, fl-Anness II tad-Direttiva 83/363/KEE u r-Regolament (KEE) Nru 315/93.

Magħmul fi ....., fil- .....
(Post) (Data)

Timbru (7)

.....
(Firma ta' l-ispettur uffiċjali (7))

.....
(Isem b'ittri kbar, kariga u titolu tal-firmatarju)

(7) Il-firma u s-siġill iridu jkunu b'kulur differenti minn dak ta' l-istampar taċ-ċertifikat.

L-ANNESS Ċ

IĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

tal-ħalib ittrattat bis-sħana, tal-prodotti bbażati fuq il-ħalib magħmula mill-ħalib ittrattat bis-sħana jew tal-prodotti bbażati fuq il-ħalib ittrattat bis-sħana għall-konsum tal-bniedem minn pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi inklużi fil-kolonna Ċ ta' l-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/340/KE

Numru ta' riferenza: .....

Pajjiż (u reġjun, fejn applikabbli) [1] li qed jibgħat: .....

Ministeru: .....

Dipartiment responsabbli miċ-ċertifikazzjoni: .....

I. **Identifikazzjoni tal-prodotti**

— Ħalib minn: .....
(Speċi ta' l-annimali)

— Deskrizzjoni tal-ħalib ittrattat bis-sħana/prodott ibbażat fuq il-ħalib magħmul minn ħalib ittrattat bis-sħana/prodott ibbażat fuq il-ħalib ittrattat bis-sħana [2] .....

— Numru tal-kodiċi (kif xieraq): .....

— Tip ta' imballeġġjar: .....

— Numru ta' units ta' imballeġġjar: .....

— Piż nett: .....

II. **Oriġini tal-prodotti**

Isem(ismijiet) u numru(i) ta' l-approvazzjoni uffiċjali tat-trattament u/jew l-istabbiliment(i) approvati ta' l-ipproċessar għall-esportazzjoni tal-Komunità

.....

.....

.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-ħalib ittrattat bis-sħana/prodott ibbażat fuq il-ħalib minn ħalib ittrattat bis-sħana/prodott ibbażat fuq il-ħalib ittrattat bis-sħana [2], għandu jintbagħat minn: .....
(Post minn fejn jintbagħtu)

lejn: .....
(Pajjiż u l-post tad-destinazzjoni)

bil-mezzi tat-trasport li ġejjin [3]: .....

Numru tas-siġill: .....

-isem u l-indirizz tal-konsenjant: .....

.....

L-isem u l-indirizz tal-konsenjatarju: .....

.....

---

[1] Ikun speċifikat jekk l-awtorizzazzjoni ta' l-importazzjoni lejn il-Komunità hija ristretta għal ċerti reġjuni tal-pajjiż terz ikkonċernat..

[2] Aqta' kif meħtieġ.

[3] Għti n-numru tar-reġistrazzjoni, in-numru tat-titjira jew l-isem tal-mezzi tat-trasport ta' l-oġġetti. Għall-*containers* kbar, inkludi in-numru tal-container.

IV. **Ċertifikazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali**

— Il-veterinarju uffiċjali hawnhekk jiċċertifika li l-ħalib ittrattat bis-sħana/il-prodott ibbażat fuq il-ħalib magħmul minn ħalib ittrattat bis-sħana/prodott ibbażat fuq il-ħalib ittrattat bis-sħana (4), deskritt fuq inkiseb mill-annimali, taħt il-kontroll tas-servizz veterinarju uffiċjali:

— f'pussess ta' żammiet li ma kinux taħt restrizzjoni minħabba l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer jew il-pesta

— iħarsu l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali mniżżla fl-Anness A, Kapitolu I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/46/KEE, bl-eċċezzjoni ta' dawk fil-paragrafi 1 (a) (i) u b (i).

— Il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat jiddikjara li huwa familjari mal-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali tad-Direttiva 92/46/KEE.

Magħmul fi ....., fil- .....
(Post) (Data)

Timbru (5)

.....
(Firma tal-veterinarju uffiċjali (5))

.....
(Isem b'ittri kbar, kariga u titolu tal-firmatarju)

V. **Ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika**

— L-ispettur uffiċjali hawnhekk jiċċertifika li l-ħalib ittrattat bis-sħana/il-prodott ibbażat fuq il-ħalib magħmul mill-ħalib ittrattat bis-sħana/prodott ibbażat fuq il-ħalib ittrattat bis-sħana (4) deskritt fuq:

1. kien manifatturat minn ħalib mhux maħdum:

— skond dak li nstab mill-pjanijiet ta' sorveljanza mill-anqas daqs dawk li hemm elenkati fid-Direttiva 92/46/KEE, li ma fihx residwi ta' sostanzi kontra l-mikrobi oġħla mil-limiti mniżżla fl-Annessi I u III tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90, kif emendat

— skond dak li nstab mill-pjanijiet ta' sorveljanza mill-anqas daqs dawk li hemm elenkati fid-Direttiva 92/46/KEE, li ma fihx residwi ta' pestiċida oġħla mil-limiti massimi mniżżla fl-Annessi II tad-Direttiva 86/363/KEE, kif emendata

— skond dak li nstab mill-pjanijiet ta' sorveljanza mill-anqas daqs dawk li hemm elenkati fid-Direttiva 92/46/KEE, li ma fihx kontaminanti oġħla mit-tolleranzi massimi mniżżla fil-lista tal-Komunità li hemm elenkata fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KEE) Nru 315/93

— li ġej minn irziezet irreġistrati u ċċekkjati li jħarsu l-kondizzjonijiet ta' l-iġjene mniżżla fil-Kapitolu II ta' l-Anness A tad-Direttiva 92/46/KEE

— li nkiseb, inġabar, tkessaħ, inħażen u kien ittrasportat skond il-kondizzjonijiet speċifiċi ta' l-iġjene mniżżla fil-Kapitolu III ta' l-Anness A tad-Direttiva 92/46/KEE

— li huwa skond il-livelli ta' l-għadd taċ-ċelluli pjatti u somatiċi mniżżla fil-Kapitolu IV ta' l-Anness A tad-Direttiva 92/46/KEE

— li nkiseb u kien standardizzat, fejn meħtieġ, skond il-kondizzjonijiet ta' l-iġjene mniżżla fil-Kapitoli I, III u IV ta' l-Anness B tad-Direttiva 92/46/KEE

(4) Aqta' kif meħtieġ.
(5) Il-firma u s-siġill għandhom ikunu b'kulur differenti minn dak ta' l-istampar taċ-ċertifikat.

2. ġej minn stabbiliment tat-trattament u/jew stabbiliment ta' l-ipproċessar li joffri garanziji daqs dawk imniżżla fil-Kapitolu II tad-Direttiva 92/46/KEE li jidhru fil-lista ta' l-istabbiliment awtorizzati biex jesportaw lejn il-Komunità Ewropea u li huma suġġetti għas-sorveljanza mill-awtorità kompetenti skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VI ta' l-Anness Ċ tad-Direttiva 92/46/KEE

3. għadda minn, qabel l-importazzjoni fit-territorju tal-Komunità:

(a) proċess ta' sterilizzazzjoni, fejn inkiseb valur ta' Fo daqs jew akbar minn 3

jew

(b) trattament iniżjali tas-sħana li għandu effett mill-inqas daqs dak miksub mill-pasterizzazzjoni b'temperatura ta' mill-inqas 72 °C għal mill-inqas 15-il sekonda, sabiex jipproduċi reazzjoni negattiva għall-eżami tal-fosfat, segwit minn:

(i) it-tieni trattament tas-sħana li jinvolvi pasterizzazzjoni b'temperatura għolja, UHT jew sterilizzazzjoni, sabiex jipproduċi reazzjoni negattiva għall-eżami tal-perixidase

jew

(ii) fil-każ tat-trab tal-ħalib jew prodott ibbażat fuq ħalib niexef, it-tieni trattament tas-sħana li jkollu effett mill-inqas daqs dak miksub mill-ewwel trattament tas-sħana, sabiex jipproduċi reazzjoni negattiva għall-eżami tal-fostatasi, segwit minn proċess ta' tnixxif

jew

(iii) proċess ta' aċidifikazzjoni tali li l-valur tal-pH jitbaxxa u jinżamm taħt is-6 għal mill-inqas siegħa

4. jimxu mal-kriterji mikrobijoloġiċi rilevanti mniżżla fil-Kapitolu II ta' l-Anness Ċ tad-Direttiva 92/46/KEE

5. kien imgeżwer u ppakkjat skond il-Kapitolu III ta' l-Anness Ċ tad-Direttiva 92/46/KEE

6. inħażen u kien ittrasportat skond il-ħtiġijiet tal-Kapitolu V ta' l-Anness Ċ tad-Direttiva 92/46/KEE

7. kien ittrasportat, fejn ikun il-każ, f'tankijiet kif deskritt fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 92/46/KEE.

— L-ispettur uffiċjali li l-firma tiegħu tidher hawn taħt b'ħekk jiddikjara li huwa jaf bid-dispożizzjonijiet li hemm fid-Direttiva 92/46/KEE, fl-Annessi I u III tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90, fl-Anness II tad-Direttiva 86/363/KEE u r-Regolament (KEE) Nru 315/93.

Magħmul fi ....., fil- .....
(Post) (Data)

Timbru (7)

.....
(Firma ta' l-ispettur uffiċjali (7))

.....
(Isem b'ittri kbar, kariga u titolu tal-firmatarju)

(7) Il-firma u s-siġill għandhom ikunu b'kulur differenti minn dak ta' l-istampar taċ-ċertifikat.

L-ANNESS D

IĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għall-prodotti tal-ħalib mhux maħdum minn pajjiżi terzi maħsub għall-konsum tal-bniedem

Numru tar-riferenza: .....

Pajjiż (u reġjun, fejn applikabbli [1]) li qed jibgħat: .....

Ministeru: .....

Dipartiment responsabbli miċ-ċertifikazzjoni: .....

I. **Identifikazzjoni tal-prodotti**

— Ħalib minn: .....
(Speċi ta' l-annimali)

— Deskrizzjoni tal-prodotti tal-ħalib mhux maħdum: .....

— Numru tal-kodiċi (kif xieraq): .....

— Tip ta' imballeġġjar: .....

— Numru ta' *units* ta' imballeġġjar: .....

— Piż nett: .....

II. **Oriġini tal-prodotti**

Isem(ismijiet) u numru(i) ta' l-approvazzjoni uffiċjali ta' l-istabbiliment(i) ta' l-ipproċessar approvati għall-esportazzjoni lejn il-Komunità

.....

.....

.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

prodott tal-ħalib mhux maħdum għandu jintbagħat minn: .....
(Post minn fejn jintbagħtu)

lejn: .....
(Pajjiż u l-post tad-destinazzjoni)

bil-mezzi tat-trasport li ġejjin [2]: .....

Numru tas-siġill: .....

L-isem u l-indirizz tal-konsenjant: .....

.....

-isem u l-indirizz tal-konsenjatarju: .....

.....

[1] Ikun speċifikat jekk l-awtorizzazzjoni ta' l-importazzjoni lejn il-Komunità hija ristretta għal ċerti reġjuni tal-pajjiż terz ikkonċernat.
[2] Għti n-numru tar-reġistrazzjoni, in-numru tat-titjira jew l-isem tal-mezzi tat-trasport ta' l-oġġetti. Għall-containers kbar, inkludi n-numru tal-container.

IV. **Ċertifikazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali**

— Il-veterinarju uffiċjali hawnhekk jiċċertifika li l-prodott tal-ħalib mhux maħdum deskritt hawn fuq kien manifatturat minn ħalib mhux maħdum li nġabar mill-annimali, taħt il-kontroll tas-servizz uffiċjali veterinarju:

— li kienu f'pajjiż jew reġjun li kien ħieles mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u l-pesta għal mill-inqas 12-il xahar, u fejn it-tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ma sarx għal mill-inqas 12-il xahar

— ġej minn irziezet li ma kinux taħt restrizzjoni minħabba l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer jew il-pesta

— iħarsu l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali mniżżla fl-Anness A, Kapitolu I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/46/KEE.

— Il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat jiddikjara li huwa familjari mal-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali tad-Direttiva 92/46/KEE.

Maghmul fi ....., fil- .....
(Post) (Data)

Timbru ([3])

.....
(Firma tal-veterinarju uffiċjali ([3]))

.....
(Isem b'ittri kbar, kariga u titolu tal-firmatarju)

V. **Ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika**

— ispettur uffiċjali hawnhekk jiċċertifika li l-prodott tal-ħalib mhux maħdum deskritt hawn fuq:

1. kien manifatturat minn ħalib mhux maħdum:

— skond dak li nstab mill-pjanijiet ta' sorveljanza mill-anqas daqs dawk li hemm elenkati fid-Direttiva 92/46/KEE, li ma fihx residwi ta' sostanzi kontra l-mikrobi oħla mil-limiti mniżżla fl-Annessi I u III tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90, kif emendat

— skond dak li nstab mill-pjanijiet ta' sorveljanza mill-anqas daqs dawk li hemm elenkati fid-Direttiva 92/46/KEE, li ma fihx residwi ta' pestiċida oħla mill-limiti massimi mniżżla fl-Annessi II għad-Direttiva 86/363/KEE, kif emendat

— skond dak li nstab mill-pjanijiet ta' sorveljanza mill-anqas daqs dawk li hemm elenkati fid-Direttiva 92/46/KEE, li ma fihx kontaminanti oħla mit-tolleranzi massimi mniżżla fil-lista tal-Komunità li hemm elenkata fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KEE) Nru 315/93

— li ġej minn irziezet irreġistrati u ċċekkjati li jħarsu l-kondizzjonijiet ta' l-iġjene mniżżla fil-Kapitolu II ta' l-Anness A tad-Direttiva 92/46/KEE

— li nkiseb, inġabar, tkessaħ, inħażen u kien ittrasportat skond il-kondizzjonijiet speċifiċi ta' l-iġjene mniżżla fil-Kapitolu III ta' l-Anness A tad-Direttiva 92/46/KEE

— huwa skond il-livelli ta' l-għadd taċ-ċelluli pjatti u somatiċi mniżżla fid-Direttiva 92/46/KEE, l-Anness A, Kapitolu IV, paragrafu A, punt 3 rigward il-ħalib tal-baqra, paragrafu B, punt 2 rigward il-ħalib tal-buflu, u paragrafu Ċ, punt 2 rigward il-ħalib tal-mogħża u tan-nagħġa

— li, fejn meħtieġ, inkiseb u kien standardizzat skond il-kondizzjonijiet ta' l-iġjene mniżżla fil-Kapitoli I, III u IV ta' l-Anness B tad-Direttiva 92/46/KEE

2. ġej minn stabbiliment ta' l-ipproċessar li joffri garanziji daqs dawk imniżżla fil-Kapitolu II tad-Direttiva 92/46/KEE li jidhru fil-lista ta' l-istabbiliment awtorizzati biex jesportaw lejn il-Komunità Ewropea u li huma suġġetti għas-sorveljanza mill-awtorità kompetenti skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu Vi ta' l-Anness Ċ tad-Direttiva 92/46/KEE

([3]) firma u t-timbru jridu jkunu b'kulur differenti minn dak ta' l-istampar taċ-ċertifikat.

3. m'għaddiex minn xi trattament bis-shana matul il-manifattura tiegħu minn ħalib mhux maħdum

4. jimxu mal-kriterji mikrobijoloġiċi rilevanti mniżżla fil-Kapitolu II ta' l-Anness Ċ tad-Direttiva 92/46/KEE

5. kien imgeżwer u ppakkjat skond il-Kapitolu III ta' l-Anness Ċ tad-Direttiva 92/46/KEE

6. inħażen u kien trasportat skond il-ħtiġijiet tal-Kapitolu V ta' l-Anness Ċ tad-Direttiva 92/46/KEE

— L-ispettur uffiċjali li l-firma tiegħu tidher hawn taħt b'ħekk jiddikjara li huwa jaf bid-dispożizzjonijiet li hemm fid-Direttiva 92/46/KEE, fl-Annessi I u III tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90, fl-Anness II tad-Direttiva 86/363/KEE u r-Regolament (KEE) Nru 315/93.

Magħmul fi ....., fil- .....
(Post) (Data)

Timbru ([4])

.....
(Firma ta' l-ispettur uffiċjali ([4]))

.....
(Isem b'ittri kbar, kariga u titolu tal-firmatarju)

([4]) Il-firma u t-timbru jridu jkunu b'kulur differenti minn dak ta' l-istampar taċ-ċertifikat.